MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 168/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Camilleri li tghid testwalment hekk:

***"talli fiz-Zurrieq fis-07.04.03 ghall-habta ta' nofs in-nhar volontarjament kont komplici ta' Joseph Camilleri billi ghalaqt it-triq bl-Landrover sabiex tigi maghluqa it-triq ghall-karozzi ohra sakemm isir ir-reat."***

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Settembru, 2003 li fil-parti relevanti tghid hekk:

***"Semghet il-provi;***

***“Peress illi l-akkuza giet pruvata;***
***“Issibu hati;***
***“Rat l-Artikolu 18 tal-Kap. 65 u r-Regolament numru 77 tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta’ l-1994) u tikkundannah ghal ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25).”***

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Emanuel Camilleri, minnu ppresentat fid-19 ta’ Settembru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-Tlieta, 23 ta’ Dicembru, 2003; ikkunsidrat:

Kif tajjeb josserva l-appellant fir-rikors tieghu, ghalkemm l-imputazzjoni kienet principalment tipotizza r-reat ta’ komplicita` f’xi reat iehor – reat iehor li baqa’ ma giex indikat fl-imsemmija imputazzjoni – l-ewwel qorti sabitu hati biss tal-fatt “incidentalment” imputat u cioe` li ostakola l-passagg ghal vetturi ohra fi triq pubblika (Reg. 77 tal-A.L. 128/1994). Kif tajjeb josserva wkoll l-appellant, minn imkien mill-provi ma jirrizulta li t-trejqa li fiha pparkeggja ghal ftit hin il-Landrover tieghu hija triq “pubblika” fis-sens tad-definizzjoni ta’ “triq” moghtija fir-Regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994). Konsegwentement l-ewwel qorti ma setghetx legalment issib lill-appellant hati skond ir-Regolament 77 tal-imsemmija regolamenti[1].

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ghall-kompletezza jinghad ukoll li l-Artikolu 18 tal-Kap. 65, ikkwotat fis-sentenza appellata, ma ghandu x’jaqsam assolutament xejn ma xi reat ipotizzat fl-imputazzjoni kif dedotta.